## EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2004

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

### Taqsima A

**(20 marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. Agħti isem ieħor flok 'Għid il-Ħamsin'.

   ______________________________

2. Semmi waħda mill-firdiet li kien hemm fil-Palestina fi żmien Ġesù.

   ______________________________

3. Fisser il-kliem '**<u>jaqsmu l-ħobż</u>**' kif nifhmuhom fl-Atti ta' l-Appostli.

   ______________________________

4. Min huma s-suċċessuri ta' l-Appostli?

   ______________________________

5. X'jissejjħu l-ittri li kull tant żmien il-Papa jindirizza lill-Insara kollha?

   ______________________________

6. X'tissejjaħ l-ittra li l-Isqfijiet jibagħtu fil-bidu tar-Randan lill-Maltin u lill-Għawdxin kollha?

   ______________________________

7. X'inhu 'Konċilju'?

   ______________________________

8. Kif insejħulu l-aħħar Konċilju li sar fil-Knisja Kattolika bejn l-1962 u l-1965?

   ______________________________

9. X'siwi għandu t-talb ta' flimkien?

   ______________________________

10. Kif għandha tkun l-attitudni tagħna l-Insara meta nirċievu xi azzjoni ħażina?

    ______________________________

11. Għaliex għandna naħfru lil min jagħmlilna d-deni?

    ______________________________

12. Min kien il-fizzjal Ruman li kien l-ewwel pagan li tgħammed?

    ______________________________

13. Kif bdew jissejħu d-dixxipli ta' Ġesù f'Antjokja?

    ______________________________

14. Semmi xi tbatija li għadda minnha San Pawlu biex ixandar l-Evanġelju?

______________________________________________

15. X'inkunu qed infissru meta ngħidu li l-Knisja ta' Ġesù hija 'Kattolika'?

______________________________________________

16. Għaliex aħna l-Maltin ngħidu li San Pawl huwa Missierna?

______________________________________________

17. Semmi xi xogħlijiet li jagħmlu missjunarji lajċi (mhux saċerdoti jew sorijiet).

______________________________________________

18. Jista' jsalva dak il-bniedem li mingħajr ħtija ma jafx fuq Kristu iżda qiegħed jgħix kif irid Alla?

______________________________________________

19. X'miraklu talbet mingħand Ġesù l-mara Sirofeniċja?

______________________________________________

20. X'kien qiegħed jagħmel Levi (Mattew) meta Ġesù qallu biex imur warajh?

______________________________________________

## Taqsima B (10 marki)

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numri fil-kaxxa.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Fit-Testment il-Ġdid il-ktieb ta' 'L-Atti ta' l-Appostli' | | wettqu l-missjoni li tahom Ġesù. |
| 2. | 'L-Atti ta' l-Appostli' nkiteb | | bit-tlugħ fis-sema tal-Mulej Ġesù. |
| 3. | Fih naraw l-aktar kif Pietru u Pawlu | 1 | jiġi eżatt wara l-erba' Evanġelji. |
| 4. | 'L-Atti ta' l-Appostli' jibda | | huma rrakkontati f' 'L-Atti ta' l-Appostli'. |
| 5. | It-tliet vjaġġi missjunarji ta' San Pawl | | minn San Luqa. |
| 6. | F'dan il-ktieb insibu l-bidu tal-Knisja fil-ġrajja | | għax jippreżenta t-twaqqif tal-Knisja f'Malta. |
| 7. | Għalina l-Maltin 'L-Atti ta' l-Appostli' huwa ktieb importanti | | l-għaqda ta' mħabba ta' l-ewwel insara. |
| 8. | Aħna l-Maltin niċċelebraw in-nawfraġju ta' San Pawl | | ta' l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli. |
| 9. | 'L-Atti ta' l-Appostli' jgħallmuna fuq | | it-tielet Evanġelju. |
| 10. | San Luqa kiteb ukoll | | ta' San Pietru fil-Palestina. |
| 11. | L-ewwel parti ta' 'L-Atti ta' l-Appostli' tirrakkonta l-ħidma | | fl-10 ta' Frar. |

## Taqsima Ċ (10 marki)

**IL-QUDDIESA - Agħżel it-tweġiba *t-tajba* mill-kliem ta' hawn taħt u iktibha f'tarf is-sentenza.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Omelija | Morru fil-paċi ta' Kristu | Nagħtu l-Paċi lil xulxin | Att Penitenzjali | Ċelebrazzjoni Ewkaristika |
| Tqarbin | Purċissjoni ta' l-Offerti | Missierna | Talba tal-Fidili | Konsagrazzjoni |

1. Fl-Aħħar Ċena Ġesù nnifsu waqqaf din iċ-ċelebrazzjoni. **<u>Il-Quddiesa</u>**
2. Dan hu isem ieħor għall-Quddiesa. ______________________
3. Nitolbu maħfra lil Alla tan-nuqqasijiet tagħna quddiem l-oħrajn. ______________________
4. F'din it-talba nwasslu lil Alla l-bżonnijiet tagħna u ta' l-oħrajn. ______________________
5. Il-membri tal-kongregazzjoni jtellgħu l-ħobż u l-inbid. ______________________
6. Is-saċerdot jispjega l-qari li nkunu smajna fl-ewwel parti tal-Quddiesa. ______________________
7. Għall-kliem tas-saċerdot, il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-ġisem u d-demm ta' Ġesù. ______________________
8. F'din it-talba ningħaqdu flimkien bħala wlied ta' l-istess Missier. ______________________
9. B'dan il-ġest nuru l-għaqda ta' bejnietna. ______________________
10. Nirċievu lil Ġesù ġewwa fina fit- ______________________
11. B'dawn il-kelmiet is-saċerdot iselmilna u jibgħatna nwettqu dak li għamilna fil-Quddiesa. ______________________

## Taqsima D (20 marka)

**Aqra u wieġeb**:

*'Il-kotra l-kbira ta' dawk li jemmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda. Ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien... Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn, għax kull min kellu oqsma jew djar kien ibigħhom, u l-flus li jdaħħal minnhom kien imur iqegħedhom f'riġlejn l-Appostli. Imbagħad kien jitqassam kollox skond il-ħtieġa ta' kull wieħed.*
*Hekk għamel il-Levita Ġużeppi, minn Ċipru, li l-Appostli kienu jsejħulu Barnaba, jiġifieri bin il-faraġ; dan kellu għalqa, biegħha, u l-flus li daħħal minnha mar iqegħedhom f'riġlejn l-appostli.'* *(Atti 4, 42-45)*

F'din is-silta San Luqa jiddeskrivi kif kienu jgħixu l-ewwel Insara.

1. Agħti kelma waħda flok 'dawk li kienu emmnu'. __________________________(marka)
2. Fisser il-frażi 'kienu qalb waħda u ruħ waħda'. __________________________(marka)
3. X'kienu jagħmlu bil-ġid li kellhom? __________________________________(marka)
4. X'kien isir mill-ġid li kien jinġabar minn fost l-Insara?

   __________________________________________________________ (marka)

5. X'għamel b'ġidu Barnaba? ______________________________(marka)

6. Ġesù għallimna "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti għamiltuh miegħi." Fisser x'ried minna Ġesù b'din is-sentenza.

______________________________

______________________________

______________________________ (3 marki)

7. Semmi tliet (3) persuni mhux Maltin li għamlu xogħol ta' karità fid-dinja.

______________________________ (3 marki)

8. Semmi tliet (3) persuni Maltin li baqgħu magħrufa għax-xogħol li għamlu biex jgħinu lill-proxxmu.

______________________________ (3 marki)

9. Għid x'tista' tagħmel int bħala żagħżugħ/a biex tgħin lill-proxxmu fil-bżonn.
Semmi u fisser 3 għajnuniet.

______________________________

______________________________

______________________________ (6 marki)

## Taqsima E (15-il marka)

**Fuq karta separata fisser fi kliemek dan il-kliem ta' Ġesù.**

1. "Min jilqa' lilkom jilqa' lili, u min jilqa' lili jkun jilqa' lil dak li bagħatni."
2. "Dak li torbtu fl-art ikun marbut fis-sema, u dak li tħollu fl-art ikun maħlul fis-sema."
3. "Ara jiena qiegħed nibgħatkom bħan-nagħaġ fost l-ilpup."
4. "Aħfrilna dnubietna bħal ma naħfru lil min hu ħati għalina."
5. "Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jiena."

## Taqsima F (10 marki)

**Fuq karta separata, ikteb paragrafu ta' madwar 50 kelma fuq *wieħda minn dawn*:**

1. Irrakkonta l-ġrajja tal-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli.
Dan il-kliem jista jgħinek: (riħ qawwi, ilsna tan-nar, jitkellmu bl-ilsna).

**jew**

2. Irrakkonta l-ġrajja ta' Filippu u l-uffiċjal mill-Etjopja.
Dan il-kliem jista jgħinek: (Ġerusalemm, ktieb tal-profeta Iżaija, jispjegalu, jgħammdu)

## Taqsima Ġ (15-il marka)

**Agħżel *waħda* minn dawn it-tnejn u wieġeb fuq karta separata:**

1. Stiefnu mexa fuq il-passi ta' Ġesù kif baqa' jħobb sa l-aħħar saħansitra lill-għedewwa tiegħu.
   a. Irrakkonta l-ġrajja tal-martirju ta' Stiefnu f'madwar 50 kelma.
   b. X'tista' tagħmel int f'ħajtek biex tkun tixbah lil Stiefnu?

**jew**

2. Ġesù rrakkonta l-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb biex jgħallem kif għandna nħobbu lil kulħadd, anki lill-għedewwa tagħna.
   a. Irrakkonta din il-parabbola f'madwar 50 kelma.
   b. Kif tista' int tkun bħas-Samaritan it-Tajjeb? (Semmi dak kollu li taf)